Parlament Ewropew
2019-2024

Dokument ta' sessjoni

B9-0053/2020

13.1.2020

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela wara l-elezzjoni illegali tal-Presidenza u tal-Bureau l-ġodda tal-Assemblea Nazzjonali (kolp ta' stat parlamentari)
(2020/2507(RSP))

Jordi Cañas, Dita Charanzová, Andrus Ansip, Malik Azmani, Phil Bennion, Stéphane Bijoux, Izaskun Bilbao Barandica, Gilles Boyer, Sylvie Brunet, Catherine Chabaud, Olivier Chastel, Engin Eroglu, Fredrick Federley, Christophe Grudler, Bernard Guetta, Ivars Ijabs, Irena Joveva, Ondřej Kovařík, Ilhan Kyuchyuk, Karen Melchior, Javier Nart, Jan-Christoph Oetjen, Urmas Paet, Samira Rafaela, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Susana Solís Pérez, Nicolae Ştefănuță, Ramona Strugariu, Hilde Vautmans, Marie-Pierre Vedrenne, Chrysoula Zacharopoulou
f'isem il-Grupp Renew

B9-0053/2020

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela wara l-elezzjoni illegali tal-Presidenza u tal-Bureau l-ġodda tal-Assemblea Nazzjonali (kolp ta' stat parlamentari)
(2020/2507(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Venezwela, b'mod partikolari dawk tas-27 ta' Frar 2014 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela[1], tat-18 ta' Diċembru 2014 dwar il-persekuzzjoni tal-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela[2], tat-12 ta' Marzu 2015 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela[3], tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela[4], tas-27 ta' April 2017 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela[5], tat-8 ta' Frar 2018 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela[6], tat-3 ta' Mejju 2018 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela[7], tal-5 ta' Lulju 2018 dwar il-kriżi tal-migrazzjoni u s-sitwazzjoni umanitarja fil-Venezwela u fuq il-fruntieri terrestri tagħha mal-Kolombja u l-Brażil[8], tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela[9], tal-31 ta' Jannar 2019 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela[10], tat-28 ta' Marzu 2019 dwar is-sitwazzjoni ta' emerġenza fil-Venezwela[11], u tat-18 ta' Lulju 2019 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela[12],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-10 ta' Diċembru 2019 tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar il-Venezwela tal-10 ta' Jannar 2019, tas-26ta' Jannar 2019, tal-24 ta' Frar 2019, tat-28 ta' Marzu 2019, tal-4 ta' April 2019, tat-30 ta' April 2019, tat-18 ta' Ġunju 2019, tas-16 ta' Lulju 2019, tat-13 ta' Awwissu 2019, tas-27 ta' Settembru 2019, tal-21 ta' Diċembru 2019 u tad-9 ta' Jannar 2020, kif ukoll dawk mill-Kelliem tal-VP / Rgħ tas-17 ta' Settembru 2019, tas-16 ta' Diċembru 2019 u tal-5 ta' Jannar 2020,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1893 tal-11 ta' Novembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela[13], li ġġedded sal-14 ta' Novembru 2020 il-miżuri restrittivi mmirati li hemm bħalissa,

---

[1] ĠU C 285, 29.8.2017, p. 145.
[2] ĠU C 294, 12.8.2016, p. 21.
[3] ĠU C 316, 30.8.2016, p. 190.
[4] ĠU C 86, 6.3.2018, p. 101.
[5] ĠU C 298, 23.8.2018, p. 137.
[6] ĠU C 463, 21.12.2018, p. 61.
[7] Testi adottati, P8_TA(2018)0199.
[8] Testi adottati, P8_TA(2018)0313.
[9] Testi adottati, P8_TA(2018)0436.
[10] Testi adottati, P8_TA(2019)0061.
[11] Testi adottati, P8_TA(2019)0327.
[12] Testi adottati, P9_TA(2019)0007.
[13] ĠU L 291, 12.11.2019, p. 42.

– wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni Venezwelana,

– wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI),

– wara li kkunsidra r-rapport dwar il-Venezwela tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (UNHCHR) tal-4 ta' Lulju 2019,

– wara li kkunsidra l-Ħames Laqgħa Teknika Internazzjonali tal-Proċess ta' Quito, li saret f'Bogotá fl-14 u l-15 ta' Novembru 2019,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, skont il-Kostituzzjoni Venezwelana, il-membri parlamentari jagħżlu Kelliem għal mandat ta' sena fil-5 ta' Jannar ta' kull sena;

B. billi l-avvenimenti madwar l-elezzjoni skedata tal-President tal-Assemblea Nazzjonali fil-Venezwela fil-5 ta' Jannar 2020 kienu jammontaw għal kolp ta' stat parlamentari ippjanat min-naħa tar-reġim ta' Maduro, u kienu jikkostitwixxu attakk kontra l-funzjonament demokratiku u kostituzzjonali tal-Assemblea Nazzjonali;

C. billi l-President tal-Assemblea, Juan Guaidó, kien imxekkel b'mod brutali mill-forzi tas-sigurtà milli jippresiedi s-sessjoni, diversi membri parlamentari tal-oppożizzjoni ma tħallewx jidħlu fl-Assemblea Nazzjonali u l-aċċess għall-bini għall-istampa ġie mblukkat ukoll;

D. billi Luis Parra, li kien reċentement imkeċċi minn partit tal-oppożizzjoni fuq allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, iddikjara lilu nnifsu l-Ispeaker tal-Assemblea Nazzjonali u ħa sehem f'ċerimonja tal-ġurament improvviżata u illeġittima;

E. billi l-elezzjoni ta' Luis Parra kienet invalida peress li s-sessjoni qatt ma kienet formalment miftuħa, ma kien hemm l-ebda għadd ta' kworum u ma ġiet ivverifikata l-ebda votazzjoni formali b'sejħa tal-ismijiet; billi t-truppi eżaminaw il-kredenzjali ta' kull membru parlamentari għal aktar minn siegħa bħala strateġija biex idewmu s-sessjoni u jipprevjenu lill-Assemblea milli tilħaq kworum;

F. billi maġġoranza tal-membri parlamentari kellhom laqgħa ta' emerġenza xi sigħat wara fil-kwartieri ġenerali tal-gazzetta tal-oppożizzjoni *El Nacional*, li matulha 100 mill-167 membru tal-Assemblea vvutaw li jagħżlu mill-ġdid lil Juan Guaidó bħala l-mexxej tagħhom għall-aħħar sena tal-mandat 2015-2020;

G. billi s-seduta formali tal-Assemblea Nazzjonali tas-7 ta' Jannar 2020 ikkonkludiet bil-ġurament ta' Juan Guaidó bħala president, minkejja tentattivi minn forzi leali lir-reġim ta' Maduro biex jipprevjenu s-sessjoni milli sseħħ, inkluż billi ostakolaw id-dħul fil-bini u qatgħu l-elettriku ġewwa l-bini;

H. billi l-elezzjonijiet presidenzjali li saru fl-20 ta' Mejju 2018 saru b'mod li ma kienx konformi mal-istandards internazzjonali minimi għal proċess kredibbli; billi l-UE, flimkien ma' organizzazzjonijiet reġjonali u ma' pajjiżi demokratiċi oħra, ma rrikonoxxiet la l-elezzjonijiet u lanqas l-awtoritajiet li ħadu l-kariga permezz ta' dan il-proċess illeġittimu;

I. billi fl-10 ta' Jannar 2019, Nicolás Maduro użurpa b'mod illeġittimu l-poter presidenzjali quddiem il-Qorti Suprema tal-Ġustizzja, bi ksur tal-ordni kostituzzjonali; billi fit-23 ta' Jannar 2019, il-President tal-Assemblea Nazzjonali elett b'mod leġittimu u demokratiku, Juan Guaidó, ħa l-ġurament tal-ħatra bħala l-President ad interim tal-Venezwela, f'konformità mal-Artikolu 233 tal-Kostituzzjoni Venezwelana;

J. billi kważi 60 pajjiż, kif ukoll il-Parlament Ewropew, irrikonoxxew lil Juan Guaidó bħala l-President interim leġittimu tal-Venezwela;

K. billi fis-16 ta' Diċembru 2019, il-Qorti Suprema Venezwelana u l-Assemblea Kostitwenti mhux rikonoxxuta keċċew lil erba' membri oħra tal-Assemblea Nazzjonali — Jorge Millán, Hernán Alemán, Carlos Lozano u Luis Stefanelli — mill-immunità parlamentari mogħtija lilhom kostituzzjonalment, u dan ġab l-għadd ta' membri parlamentari li tneħħitilhom l-immunità tagħhom għal 26; billi din id-deċiżjoni, li segwiet it-talba tal-Qorti Suprema abbażi ta' akkużi mill-Avukat Ġenerali, hija ksur serju tad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali, l-istat tad-dritt u l-prinċipju demokratiku tas-separazzjoni tal-poteri;

L. billi l-azzjonijiet li għaddejjin kontra l-Membri tal-Assemblea Nazzjonali, inklużi l-fastidju u l-intimidazzjoni ta' 59 Membru minn gruppi irregolari u korpi ta' sigurtà, 29 detenzjoni arbitrarja u 27 eżilji furzati, qed ixekklu l-ħidma kostituzzjonali tal-Assemblea Nazzjonali;

M. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija fil-Venezwela ilhom jiddeterjoraw b'mod sever għal ħafna snin, u b'mod partikolari wara li Nicolás Maduro ħa l-poter wara l-elezzjonijiet ikkontestati fl-2013; billi l-kriżi multidimensjonali politika, ekonomika, istituzzjonali, soċjali u umanitarja qed tiddeterjora b'mod sinifikanti; billi ż-żieda fl-iskarsezza tal-ikel u l-mediċini, il-ksur massiv tad-drittijiet tal-bniedem, l-iperinflazzjoni, l-oppressjoni politika, il-korruzzjoni u l-vjolenza qed jipperikolaw ħajjet in-nies u qed iġegħluhom jaħarbu mill-pajjiż;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-kolp ta' stat parlamentari mir-reġim ta' Maduro u l-fatt li l-Assemblea Nazzjonali, bħala l-korp demokratiku leġittimu tal-Venezwela, qed tiġi evitata milli twettaq il-mandat li rċeviet mill-poplu tal-Venezwela;

2. Jiddeplora dawn il-vjolazzjonijiet gravi li huma inkompatibbli mal-proċess elettorali leġittimu għall-President tal-Assemblea Nazzjonali u jikkostitwixxu pass ulterjuri biex il-kriżi Venezwelana tiddeterjora;

3. Jifraħ lil Juan Guaidó dwar l-elezzjoni mill-ġdid tiegħu bħala President tal-Assemblea Nazzjonali, minkejja l-impedimenti u l-ostakoli kollha ffaċċjati matul is-seduta formali tas-7 ta' Jannar, inkluż li kellu jidħol fil-bini bil-forza flimkien ma' Membri oħra;

4. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għal Juan Guaidó bħala l-President interim leġittimu tal-Venezwela skont il-Kostituzzjoni Venezwelana, kif iddikjarat fl-Artikolu 233 tagħha;

5. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-Assemblea Nazzjonali, li preżentement hija l-uniku korp demokratiku elett b'mod leġittimu tal-Venezwela, u li l-poteri tagħha jeħtieġ li jingħataw lura u jiġu rispettati, inklużi l-prerogattivi u s-sikurezza tal-membri tagħha;

6. Jinsisti li soluzzjoni paċifika u politika tista' tinkiseb biss jekk l-Assemblea Nazzjonali, l-uniku korp elett demokratikament fil-Venezwela, tiġi rispettata bis-sħiħ u jekk il-membri tagħha jkunu jistgħu jwettqu l-prerogattivi kostituzzjonali tagħhom b'mod liberu;

7. Jirrimarka li kwalunkwe djalogu jrid ikun ibbażat fuq il-pjan direzzjonali adottat fl-Assemblea Nazzjonali tal-Venezwela; jinsisti li l-iskop ewlieni tad-djalogu jrid ikun tranżizzjoni paċifika għad-demokrazija permezz tal-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jwasslu għal elezzjonijiet presidenzjali ħielsa, trasparenti u kredibbli bbażati fuq kalendarju fiss, kundizzjonijiet ġusti għall-atturi kollha, trasparenza u l-preżenza ta' osservaturi internazzjonali kredibbli;

8. Ifakkar li l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali ħielsa u kredibbli taħt monitoraġġ internazzjonali u l-istabbiliment mill-ġdid b'mod demokratiku tal-istituzzjonijiet statali, inkluż il-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE) u l-Qorti Suprema tal-Ġustizzja huma essenzjali għal soluzzjoni dejjiema fil-Venezwela;

9. Jenfasizza li huwa ta' importanza kbira li l-Assemblea Nazzjonali tistabbilixxi Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE) ġdid, indipendenti u trasparenti, kompletament inklużiv u bbilanċjat fir-rappreżentanza u l-kompożizzjoni tiegħu;

10. Ifakkar li r-rispett għall-istituzzjonijiet u l-prinċipji demokratiċi u d-difiża tal-istat tad-dritt huma kundizzjonijiet essenzjali biex tinstab soluzzjoni paċifika u sostenibbli għall-kriżi fil-Venezwela għall-benefiċċju tal-poplu tagħha;

11. Ifakkar li l-UE tinsab lesta li tappoġġa proċess ġenwin li jwassal għal riżoluzzjoni paċifika u demokratika tal-kriżi;

12. Jistieden lill-Viċi President / Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin biex iżid ir-rispons tal-UE biex id-demokrazija titreġġa' lura fil-Venezwela, inkluż permezz tal-estensjoni ta' sanzjonijiet immirati kontra individwi responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u repressjoni, u billi dawn is-sanzjonijiet jiġu estiżi biex tinkludi l-membri tal-familja tagħhom;

13. Iqis li l-unika rappreżentanza diplomatika tal-Venezwela li l-UE għandha tirrikonoxxi hija dik imsemmija minn Juan Guaidó, bħala l-President interim leġittimu tal-Venezwela; jitlob għalhekk li kwalunkwe kredenzjali diplomatiċi għal missjonijiet marbuta ma' Nicolás Maduro u l-gvern antidemokratiku tiegħu jiġu sospiżi;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-President interim leġittimu tar-Repubblika u l-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-pajjiżi tal-Grupp ta' Lima, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana u lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani.